## Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Ritienne Gauci)

(Spettur Andrew Borg Bonello)

Vs

Raymond Cauchi

Illum 14 ta'Marzu 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Cauchi ta' 61 sena iben Vincent u Angela

nee Azzopardi mwieled Hamrun fit-2/01/1961 u residenti gewwa “Homeland Court”, Blk A Flat 5, Triq San Frangisk Balzan jew “Manor Court” Blk G Flat 7A, Triq il-Maskli, San Pawl il-Bahar ID 43161(M) li:

1. Hebbejt ghal Teresa Sammut sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmel hsara b’xi mod;
2. Aktar talli nsulentajt ,heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b’mod iehor lil Teresa Sammut;
3. Aktar talli volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubbliku b’ghajjat u storbju;
4. Aktar talli ghamilt ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kont ipprovokat, ingurjajt b’mod li hrigt barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
5. Aktar talli bl-imgieba tieghek, ikkagunajt lil Teresa Sammut biza li ser tintuza vjolenza; kontra tieghu jew kontra l-propjeta’ jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta` xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa jew familjari ohra tieghu.

Il-Qorti mitluba li sabiex f’kaz ta’ htija tohrog ordni ta’ protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza jew individwi ohra skond artikolu 412C tal-Kodici Kriminal.

Il-Qorti hi mitluba sabiex f’kaz ta’htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Teresa Sammut skond artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti rat l-artikoli 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd), art 251B(1) 383 u 412 C tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat li fl-14 ta' Marzu 2023, hadd ma kien interessat fil-kas u stante li dawn huma proceduri ta' natura sommarja ghalqet il-provi.

**Ikkunsidrat**

**Teresa Sammut** fis-7 ta' Dicembru, 2022 xehdet hekk:

Avu: Mela Tessi ghamilt rapport lil pulizija aktar kmieni din-is-sena mela jekk tiftakar indika meta ghamiltu jekk jogghbok ir-rapport u fuqiex dan ir-rapport ghamiltu?

Xhud: Ir-rapport ghamiltu ghax habbatli l-bieb certu wiehed Raymond Cauchi.

Qorti: Qed tarfu fl-awla?

Xhud: Iva.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat.

Avu: Mela inti ghedt habbatlek il-bieb fejn jekk jogghbok?

Xhud: Tad-dar tieghi.

Avu: Li qeghda fejn?

Xhud: Gharghur, 35, Triq ... ...

Avu: Mela dan gie ihabbatlek il-bieb u x`ghamel?

Xhud: Jiena mort niftah u beda jaghjjat u,

Qorti: Meta kien dan sinjura data?

Xhud: Qisu l-ahhar gimgha ta` April ukoll.

Avu: Issa inti x`ghamilt meta dan habbat il-bieb?

Xhud: Jiena mort niftah u taht il-bieb sibt insibu ma wicci jidghi u jaghjjat kemm jiflah u qas naf x`beda  jghid dak il-hin hasadni u qisu beda jirribella ghalija umbaghad dahlet.

Avu: Ha nwaqqfek tiftakar xi kliem qallek meta beda jidghi?

Xhud: Ifhimni tant ixxukkjani dak il-hin li fuq it-tifel beda jaghjjat xi flus,

Avu: Lilek qallek xi kliem lilek personalment?

Xhud: Ifhimni jekk qalli dak il-hin tant fixilni li lanqas ippretendejtha minnu li ha jaghmilli hekk.

Avu: Sewwa umabghad x`gara>

Xhud: Umbaghadbaqa` jirribella umbaghad dahlet certu wahda Margaret il-mara tieghu u resqitu lura ghax li kien ghalih hebb ghalija uu.

Avu: Mela meta hu habbat il-bieb u beda jghid dan il-kliem hu dahal gewwa jew baqa` barra?

Xhud: Le fil-bieb ezatt qadt.

Avu: Orajt u giet Margaret u gibditu?

Xhud: Ehe.

Avu: U gara xi haga ohra?

Xhud: Umabghad tellatu l`fuq u daqsekk uu.

PS 1037 S Mifsud xehed permezz ta' affidavit dwar l-involviment tieghu fil-kas

**Ikkunsidrat**

Illi fl-udjenza tal-14 ta' Marzu, 2023 il-Qorti kienet kostretta li taghlaq il-provi hi stante li hadd ma kien interessat li jressaq aktar provi. F'dan l-isfond ma intlahaqx fil-fehma taghha l-livell ta' provi rikjesti fil- Ligi sabiex tasal ghal xi konkluzjonijet ta` x'fattwalment gara fis-16 ta' Mejju, 2022.

**Decide**

Ghaldaqstant ghal dawn il-mottivi kollha ma ssibx lil Raymond Cauchi hati ta l-ebda wahda mill-imputazzjonijet u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Magistrat**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**